# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)

## Seduta mizmuma llum, 18 ta' Jannar 2017

## Rikors Numru: 40/2016 CSH

## Baldacchino Woodworks Limited (C7889)

## vs

## Tony Brignoli u Rachel Brignoli

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' attrici Baldacchino Woodworks Limited fit-22 ta' Frar 2016, fejn Janice Baldacchino, debitament awtorizzata tirrapprezenta lill-kumpanija rikorrenti fi proceduri gudizzjarji kkonfermat u esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha:

*"Illi l-kumpanija esponenti ghandha titolu ezekuttiv kontra l-intimati in virtu' ta' ittra ufficjali intavolata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, bin-numru 3890/2008 (kopja legali ta' din l-ittra ufficjali qed tigi annessa mal-prezenti u mmarkata bhala 'Dokument A').*

*Illi bis-sahha ta' l-imsemmi titolu ezekuttiv, l-intimati huma obbligati li jhallsu lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta' €5,857.21, oltre l-imghax legali fuq din is-*

*somma dekorsi mit-28 ta' Jannar 2006 u l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali citata fil-paragrafu precedenti.*

*Illi l-intimati hallsu biss ammonti zghar akkont ta' dan id-dejn, liema ammonti zghar kienu dejjem imputabbli kontra l-imghax dekors, u qatt kontra s-sorti, kif jipprovdi l-Artikolu 1169 tal-Kodici Civili, liema sorti ghalhekk ghadu sallum dovut interament. Qed jigi mehmuz mal-prezenti rikors prospett indikanti l-hlasijiet maghmula mill-intimati, u z-zmien li fih saru l-istess hlasijiet, immarkat bhala 'Dokument B'.*

*Illi ghalhekk il-kumpanija esponenti ghandha kull interess li tezegwixxi t-titolu taghha, biex tithallas dak li hu d-dritt taghha skont il-ligi.*

*Illi Janice Baldacchino, debitament awtorizzata tirrapprezenta lill-kumpanija esponenti fi proceduri gudizzjarji, qed tikkonferma bil-gurament taghha li taf bil-fatti suesposti personalment.*

*Ghaldaqstant, il-kumpanija esponenti qeghda umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi t-titolu ezekuttiv vestit fiha in virtu' ta' l-ittra ufficjali intavolata ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, bin-numru 3890/2008 fl-ismijiet hawn fuq premessi, u dan a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u previa kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, li huma minn issa ingunti in subizzjoni."*

Rat ir-risposta ta' Tony Brignoli u Rachel Brignoli pprezentata fid-9 ta' Marzu 2016 fejn eccepew is-segwenti:

*"Illi l-esponenti gew notifikati bir-rikors tal-kumpanija attrici tat-3 ta' Marzu 2016, fejn ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 qed tintalab l-opportuna awtorizzazzjoni sabiex tissokta bl-ezekuzzjoni ta' ittra ufficjali numru 3890/2008 li giet intavolata taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12.*

*Illi s-socjeta' rikorrenti kienet intavolat din l-ittra ufficjali kontra l-esponenti u martu ghal xoghol ta' injam li huma kienu akkwistaw f'Jannar tas-sena 2006 u li kien jikkonsisti fi spare bedroom, arc grazed door u arc cover u meta saret l-ittra ufficjali kien ghad fadal bilanc ta' €5,857.21 ;*

*Illi hu ben risaput li fi proceduri bhal dawk odjerni, m'hemmx lok li l-Qorti tidhol fil-mertu. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet '**Joseph Muscat vs Rita Caligari**' deciza ricentement fit-3 ta' Marzu 2016 irriteniet:*

*"L-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti din il-Qorti fi procedura bhal din, hija biss dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza, l-ezistenza tal-istess sentenza, u wkoll li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss ghall-ammont kanonizzat li jkun ghadu ma thallasx."*

*Illi fir-rikors tas-socjeta' rikorrenti mkien ma jirrizulta kemm hu l-ammont li ghadu dovut. Imbaghad hemm prospett anness minn fejn jirrizultaw pagamenti akkont wara li saret l-ittra ufficjali fis-somma ta' €821.47.*

*Illi ghad li m'huwiex kontestat li fadal ammont li ghadu dovut, l-esponenti jikkontendu li matul dan l-ahhar tmien snin minn meta saret l-imsemmija ittra ufficjali, l-esponenti ghamlu pagamenti ohra akkont ta' dan l-ammont li ma ttihdux f'konsiderazzjoni u s-socjeta' rikorrenti qeghda konvenjentement ixxejjen il-hlas li sar sal-lum billi tghid li l-ammonti mhallsa marru biss kontra l-imghax u dan minghajr ma tipprovdi ebda komputazzjoni ;*

*Illi l-esponenti jirrileva li fis-sena 2015 sar pagament mill-esponenti ta' €400 hekk kif turi korrispondenza elettronika bejn il-kontendenti (Dok. X) liema pagament ma giex imnizzel fil-prospett anness mis-socjeta' attrici mar-rikors taghha mmarkat bhala Dok. B. L-esponenti jissottometti li minhabba sitwazzjoni ta' mard fil-familja ma jzommx rendikonti izda m'huwiex sew li min qieghed jippretendi hlas ma jaghtix taghrif shih lil din l-Onorabbli Qorti ;*

*Illi ghalhekk, filwaqt li l-esponenti jifhmu li f'dan l-istadju l-Qorti la ghandha u lanqas tista' tidhol fil-mertu tal-kwistjoni, ghandha tal-anqas tqis li l-ammont in kwistjoni jigi stabbilit bi precizjoni. Fuq kollox l-iskop tal-procedura taht l-Art. 258 tal-Kap. 12 hu li jipprovdi certezza ghad-debitur. Fic-cirkostanzi odjerni, fejn it-talba tas-socjeta' rikorrenti mhux talli m'hijiex cara talli thallew barra pagamenti li saru u ma ssemmewx fid-dikjarazzjoni li saret, it-talba kif dedotta ma tistax tintlaqa'.*

*Daqstant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez."*

Fil-15 ta' Gunju, 2016 xehdet **Rachel Brignoli** fejn qalet li xi snin ilu hi w zewgha Tony Brignoli kienu marru ghand Baldacchino Woodworks Limited sabiex jordnaw kamra tas-sodda tat-tfal. Minbarra din il-kamra, kienu ordnaw bieb tal-hgieg u l-arkata li taghti bejn is-salott, u kienu fethmu dwar l-ordni u l-hlas kellu jsir mensilment li dak iz-zmien kien bil-liri Maltin u iktar tard bdew ihallsu hamsin Ewro (€50) fix-xahar. Stqarret li f' xi zmien hija kienet mardet u nqalghulhom hafna problemi w allura qabzu xi pagamenti, li pero' ghamlu tajjeb ghalihom fix-xhur ta' wara billi ghamlet pagamenti aktar minn dawk li kienu dovuti. Ziedet tghid li effettivament kienu rcevew ukoll ittra ufficjali mill-Qorti,

pero' cio' nonostante xorta baqghu ihallsu l-ammonti fuq l-ghamara izda mhux fuq l-interessi. Qalet li anke skont rendikont li kienu rcevew, kien jidher li l-pagamenti saru fuq l-ghamara u mhux fuq l-interessi. Mistoqsija jekk kienx hemm ftehim rigwardanti l-hlasijiet li kellhom isiru wara li rcevew l-ittra ufficjali, qalet li ma tafx. Ix-xhud intweriet id-dokument a fol 6 tal-process u kkonfermat illi dan huwa rendikont dwar il-pagamenti li saru kemm qabel u kif ukoll wara l-ittra ufficjali w ikkonfermat ukoll li l-ammonti hemm indikati kollha thallsu minnhom. Jidher ukoll li dan huwa *payment on account* u mhux fuq l-interessi. Ziedet li barra l-pagamenti murija jrid ikun hemm pagament iehor ta' erba' mija (€400) li sar is-sena l-ohra u li mhux indikat f'dan l-istatement.

In kontro-ezami x-xhud qalet li fil-bidu s-socjeta' rikorrenti kienet tibghat impjegat minn taghha biex tigbor il-pagamenti u din l-istess persuna kienet tiffirma l-pagamenti li kienu jghaddulha. Wara l-hlas beda jsir permezz ta' deposit tramite l-bank u sa fejn taf hi qatt ma marru fl-ufficcju ta' Baldacchino Woodworks biex isir il-hlas hemmhekk. Mistoqsija jekk ghandhiex dawn id-dokumenti li kienu jinghatawlha bhala rcevuta, qalet li ghandha w ippromettiet li tezebihom fis-seduta sussegwenti. L-impjegat kien certu Michael Baldacchino. Qalet li naturalment meta dan kien imur jigbor il-pagament, kien ikollhom konversazzjoni normali, pero' dan kien qabel ma rcevew l-ittra ufficjali. Ziedet li kien hemm pagamenti li saru wara l-Ittra Ufficjali tramite l-bank. Stqarret li huwa minnu li kienet qabzet certu pagamenti, pero' ziedet tghid li mbaghad kienet thallas ammont biex jaghmel tajjeb ghalihom. Mistoqsija meta kienet ordnat l-ghamara, stqarret li minhabba li ghadda z-zmien, ma tiftakarx bl-amment. Ammettiet li kieku hallset kull xahar, kienet taqtaghha, pero' peress li kellha l-problemi waqghet lura. Qalet li l-ahhar li hallset kien is-sena l-ohra fejn kienet tathom erba' mitt Ewro (€400), liema pagament sar bil-bank. Ziedet li lil Janice Baldacchino kienet tkellimha u din kienet taf bil-problemi taghha u kienet uriet li fehmitha. Sostniet li lil Janice kienet tibghatilha e-mail biex tgharrafha li effettivament kienet se taghmel xi hlas, imbaghad Janice kienet tikkonfermalha li

dahlu dawk il-pagamenti li kienet issemmilha. Ippromettiet li tesebixxi kopja ta' dawn l-emails li wahda minnhom filfatt gia tinsab inserita fl-atti.

**Janice Baldacchino** xehdet fid-19 ta' Ottubru, 2016 u spjegat li hija tiehu hsieb l-accounts u l-affarijiet kollha tal-kumpanija. Taf li fis-sena 2005 kienet saret ordni fuq kamra tas-sodda li kien ha hsiebha Michael Baldacchino li jahdem maghhom. Spjegat li din l-ordni effettivament saret minghand Tony Brignoli u huwa kellu jiehu l-flus bhala self mill-bank biex jixtri din il-kamra tas-sodda u kien ghalhekk li ma talbitux deposit kif jaghmlu s-soltu u l-hlas kellu jsir meta effettivament titwahhal il-kamra tas-sodda. Spjegat li effettivament il-kamra tas-sodda saret, giet imwahhla u s-socjeta' rikorrenti talbet il-hlas. Tony Brignoli qalilha li ma kienx ha self mill-bank, kien se jkun imsiefer pero' cio nonostante kien se jhallasha wara. Spjegat li effettivament in segwitu taf li beda jaghmel pagamenti akkont u wara xi perjodu ta' sena Michael Baldacchino qata' qalbu biex jigbor il-flus u qalilhom biex jaraw x'se jaghmlu.

In segwitu bdew jigru warajh huma pero' ma waslu mkien u ghalhekk fis-sena 2008 kienu baghtu ittra ufficjali. Ma saret l-ebda risposta ghal din l-ittra. In segwitu sar mandat ta' sekwestru u una volta Tony Brignoli rcieva dan il-mandat ta' sekwestru kien mar l-ufficcju u ghamel xenata kbira. Sahansitra anke spiccaw b'rapport ghand il-pulizija u mbaghad kien sar ftehim bejn l-avukati sabiex jaghmlu sospensjoni ta' dan il-mandat ta' sekwestru basta jhallas hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar. Spjegat li effettivament in segwitu saru ftit pagamenti kif hemm indikat fid-dokument RB1 ezebit fl-atti u mbaghad taf li waqfu totalment ghal snin twal. In segwitu regghu baghtu ittra ohra bl-avukat u taf li kienet marret tkellimhom Rachel Brignoli l-intimata u qaltilha biex almenu tibda taghmel xi pagamenti mhux xejn u kienu ftehmu li kienet se taghtihom hamsin euro (€50) fix-xahar u qaltilha li ma kienitx se tigri warajha ghal hamsin euro (€50) fix-xahar izda kellha tmur bihom hi. Ghal darb'ohra spjegat li ghamlet xi pagamenti minnhom u mbaghad ukoll regghet waqfet totalment.

L-emails li bdiet tibghatilha ma bdietx twegibhom. Wara certu zmien it-telephone number li kienet iccempillha fuqu wkoll ma bdietx twiegbu u regghu kellmu l-avukati biex jibghatulhom ittra ohra. Spjegat li effettivament regghet cemplitilha u qaltilha li kienet se taghmel pagament u fil-fatt ghamlet pagament ta' erba' mitt ewro (€400) f'daqqa. Minn dakinhar 'l hawn ma regghetx ghamlet pagament iehor. Rat id-dokument ezebit fl-atti a fol. 6 immarkat bhala Dokument B u kkonfermat li dawk huma l-pagamenti li saru. Apparti dan hemm pagament iehor li sar ghas-somma ta' erba' mitt ewro (€400) li kien l-ahhar pagament kif imsemmi gia fix-xhieda taghha. Spjegat li l-pagamenti li saru naturalment saru kontra l-interessi li kienu dovuti.

Naturalment *payment on account* fuq l-ammont kollu inkluz l-interessi. L-interessi mhumiex ikkalkulati hawnhekk. Iridu jigu kkalkulati b'mod separat. Naturalment il-pagamenti jitnaqqsu kontra l-interessi. Fuq dan id-dokument m'hemmx *breakdown* tal-interessi. L-ammont dovut huwa naturalment €7,627 li kienu dovuti originarjament, oltre l-interessi fuqhom u tnaqqas il-pagamenti li saru a skaletta.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjegat li kien hemm zmien meta s-Sinjuri Brignoli kienu jaghmlu pagamenti tramite l-avukati u dan peress li kien hemm garanzija fil-konfront taghhom li ma setghux ikellmuhom u mbaghad kien hemm zmien meta Rachel bdiet taghmel pagament permezz ta' Internet Banking. Mas-sinjuri Brignoli qatt ma tkellmu fuq kwistjoni ta' imghaxijiet u tikkonferma li l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors u dan fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma s-segwenti:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti kienet ottjeniet titolu ezekuttiv fil-konfront tal-intimati permezz ta' ittra ufficcjali numru 3890/2008 li ma kinitx giet kkontestata li tinsab esebita fl-atti a fol.3 immarkata bhala Dok A u dan sabiex l-intimati ihallsu d-debitu taghhom.
2. Illi cio' nonostante l-intimati ma hallsux dak kollu dovut minnhom minkejja t-trapass taz-zmien u li in efffetti kienu anke waslu fi ftehim mas-socjeta' rikorrenti sabiex ihallsu l-bilanc restanti f'pagamenti mensili.
3. Jinghad li l-intimati in segwitu tal-ittra ufficcjali kienu sahansitra anke ghamlu xi pagamenti pero' mhux mensilment u mhux b'mod regolari u llum ghad fadal bilanc restanti.
4. Illi l-hlasijiet li ghamlu l-intimati huma dawk identifikati a fol. 6 tal-process immarkati bhala Dok B fl-ammont ta' elfejn, hames mija u wiehed u disghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm2,591.81) oltre somma ohra ta' erba' mitt ewro (€400) li saret is-sena 2015 skond e-mail datata 10 ta' Gunju 2015 (fol.12 - Dok X) liema e-mail ma gietx imcahda mis-socjeta' rikorrenti.
5. Illi s-socjeta' rikorrenti taghraf li in effetti l-intimati ghamlu xi pagamenti akkont pero' skond Janice Baldacchino li xehdet ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti jinghad li l-pagamenti li ghamlu l-intimati marru sabiex inaqsu l-interessi dovuti fuq is-sorte.
6. Illi is-socjeta' rikorrenti issostni li l-hlasijiet li saru mill-intimati saru verament wara li kienu pprezentaw l-ittra ufficcjali pero' l-istess somma imhallsa minnhom marret sabiex tnaqqas l-interessi dovuti fuq is-somma.
7. Illi l-intimati fl-ebda hin ma jghidu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta' rikorrenti pero' jghidu li l-ammont dovut minnhom huwa inqas minn dak reklamat pero' lanqas ma jiddentifikaw x'inhi s-somma li fil-fehma taghhom hija dovuta.
8. Illi jirrizulta mir-rikors promotur u minn ezami tal-ittra ufficcjali esebita fl-atti a fol 3 li s-socjeta' rikorrentui ghandha titolu ezekuttiv fis-somma ta'

hamest elef, tmien mija u sebgha u hamsin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€5,857.21) oltre imghax legali ta' 8% mit-28 ta' Jannar 2006.

9. Illi minn dak in-nhar 'l hawn l-intimati hallsu s-somma ta' elf, mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,221.47) u cioe' l-ahhar tmien pagamenti murija fid-Dok B murija a fol 6 tal-atti, inkluz erba' mitt ewro li gew imhallsa mill-intimati kif ammessa mis-socjeta' rikorrenti..

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-**artikolu 1141 tal-Kodici Civili** jipprovdi li:

"J*ekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*"

F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.

Issa fil-kaz in desamina is-socjeta' rikorrenti qed titlob l-imghax fuq is-somma dovuta minn dik id-data tal-att gudizzjajru li permezz tieghu ottjeniet titolu esekuttiv.

Issa l-Artikolu 1169 tal-Kapitolu 16 jipprovdi fl-ewwel (1) subinciz tieghu illi:

"*d-debitu ta' somma ta' flus li taghti mghaxijiet ma jistax minghajr il-kunsens tal-kreditur, jimputa l-hlas ghall-kapital, minflok li ghall-imghaxijiet.*" Jissokta jigi precizat fit-tieni (2) subinciz illi "*l-hlas ta' parti mid-dejn maghmul akkont ta' kapital u mghaxijiet, minghajr ma jinghad ghal liema minnhom, imur l-ewwel ghall-imghaxijiet*";

Issa fil-kaz in desamina ma jirizultax li kien hemm xi ftehim bejn il-kontendenti dwar fejn kellhom jigi akkreditati l-hlasijiet li ghamlu wara li s-socjeta' rikorrenti ottjeniet it-titolu esekuttiv. Hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-quantum tal-hlas li sar pero' mhux ta' fejn din is-somma giet akkreditata. L-intimati jsostnu li huma hallsu sabiex is-sorte jitnaqqas waqt li s-socjeta' rikorrenti tinsisti li l-hlas li sar mill-intimati sar sabiex jithallas parti mill-interessi dovuti u dan in omagg mal-artikolu appena citat. Ghalhekk is-somma li llum hija dovuta hija ta' hamest elef, tmien mija u sebgha u hamsin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€5,857.21) [skond dak li hemm imnizzel fl-ittra ifficcjali] oltre it-8% (interessi) permess mil-ligi. Pero' minn din is-somma trid titnaqqas is-somma ta' elf, mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,221.47) u cioe' l-ammont ta' hlas li saru mill-intimati wara li s-socjeta' rikorrenti ottjeniet titolu ezekuttiv.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tichad ir-risposta pprezentata mill-intimati tilqa' it-talba rikorrenti sabiex is-socjeta' rikorrenti tesegwixxi it-titolu ezekuttiv taghha pero' dan wara li tnaqqas l-ammont ta' flus li gew imhallsa mill-intimati, liema tnaqqis irid isir mill-ammont dovut mill-intimati lis-socjeta' rikorrenti bhala imghax fuq is-sorte bilancjali.**

**Bl-ispejjez ta' din il-procedura a karigu tal-intimati u f'kaz li l-intimati ma jhallsux, l-interessi ta' 8% jergghu jibdew jiddekorru.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**